MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 485/2007

**Talba Nru: 485/07VGD**

Bank of Valletta p.l.c. (C2833)

Vs

Carmel Azzopardi (ID 741051M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ elf, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u erba centezmi (Lm1,336.04c) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-‘Loan Account’ tal-konvenut Carmel Azzopardi mas-socjeta’ attrici, flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Mejju 2007 sal-jum tal-pagament

effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' April 2007 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma l-Avviz, kontra l-konvenut li gie interpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, tlett mija u sitta u tletin lira Maltin u erba centezmi (Lm1,336.04c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------